MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 895/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Ivan Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Ivan Sammut ta’ 37 sena, iben Abel u Maria Dolores nee’ Sapiano, imwieled nhar il-31 ta’ Jannar, 1971, Attard, u residenti 41, Triq San Mikiel, Rabat – Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 83271M.

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Awwissu, 2008 ghal habta ta' 01:30 a.m. gewwa jew fil-vicinanzi tal-121 Lounge Bar, sitwat f'Turgien St. Rita, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Brandon Tabone.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Brandon Tabone jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fid-19 ta' Settembru, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat kien jahdem bhala manager go stabbiliment go Paceville, u kien qieghed iservi xi nies wara l-bar.
2. Kien hemm xi barranin li ordnaw fliexken tax-xampanja, u bdew ihabbtu l-fliexken, u x-xampanja taret ghal fuq xi Maltin li kienu fil-bar ukoll.
3. Mic-CCTV footage li kien hemm fl-istabbiliment[1] jirrizulta li l-Maltin bdew jargumentaw mal-barranin.
4. Mic-CCTV footage jirrizulta li Brandon Tabone, wiehed mill-Maltin, qabad flixkun tax-xampanja u tefghu fid-direzzjoni tal-barranin, izda minflok il-flixkun laqat lill-barranin, laqghat lill-imputat, u waqa' mal-art u inkiser. Fl-incident, inkisru wkoll it-tazzi li kien hemm wara l-bar. Fix-xhieda tieghu Brandon Tabone jichad li hu tefa' flixkun tax-xampanja, pero dan jirrizulta mis-CCTV footage.
5. Fil-pront marru s-security guards jigru biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, u l-imputat u barman iehor marru wkoll hdejhom, u bdew jiddiregu lill-Maltin fid-direzzjoni tal-bieb ta' barra l-istabbiliment. Sfortunatament is-CCTV footage ma jigbidx fejn spiccaw iz-zewg gruppi tal-Maltin u tal-barranin, is-security guards u l-imputat, ghax kienu barra l-*focus* tal-camera.
6. X'gara wara, hemm verzjonijiet differenti:
   (i) Brandon Tabone jghid li kif kien hdejn il-bieb ta' barra, l-imputat faqqghalu daqqa' ta' ponn go wiccu ghal xejn b'xejn.[2]
   (ii) Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li tah daqqa ta' harta f'wiccu, ghax kien irrabjat u mugugh *"ghax jien ma mmurx ghax xoghol biex insieb wiehed bhal dak iweggani u qbadt u tajtu daqqa ta' harta."*[3]
   (iii) PS 928 Ramon Mifsud Grech li mar fuq il-post jghid li l-imputat qallu li kien tah daqqa ta' harta ghax lanqas ried johrog mill-istabbiliment.[4]
   (iv) Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal, li Tabone ghamel pass il-quddiem fid-direzzjoni tieghu, u peress li l-imputat haseb li se jimbuttah jew itih xi daqqa, *"ghollejt idejja u giet f'wiccu."* Iktar tard jghid *"Jiena daqqa ta' harta bic-catt tajtha."*[5]

7. Fil-fatt l-imputat laqghat lil Tabone fuq xofftu, u konsegwenza ta' dan ix-xoffa tieghu in-naha ta' fuq tax-xellug kellha bzonn seba' punti – tlieta (3) minn barra u erba' min-naha ta' gewwa

[1] Ara xhieda ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech a fol. 23 *et seq.* tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Brandon Tabone a fol. 16 *et seq.* tal-process.
[3] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 6 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech a fol. 30 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 57 tal-process.

tax-xoffa. It-tabiba Dottor Sarah Vella, fic-certifikat rilaxxat minnha, ikklassifikat il-ferita bhala wahda *"serja minhabba l-possibilita ta' sfregju."*[6]

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

Kif intqal aktar il-fuq, hemm verzjonijiet differenti, anki moghtija mill-imputat stess, ghal x'wassal biex l-imputat johrog idejh u jolqot wicc Tabone. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-versjoni veritiera hija dik li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu, u cioe li hu ta lil Tabone daqqa ta' harta ghaliex kien mugugh u irrabjat bil-perikolu li Tabone kien ghadu kemm ikkrea meta tefa' l-flixkun tax-xampanja. Din il-Qorti ma tqisx ix-xhieda ta' Tabone li l-imputat tah daqqa ta' ponn bhala wahda veritiera, ghaliex li kieku kien vera, daqqa ta' ponn fuq ix-xoffa kienet tikkaguna feriti iktar serji fuq l-istess Tabone.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta zewg linji difensjonali. L-ewwel wahda hija il-ferita ikkagunata lil Tabone mhix wahda gravi. It-tieni wahda hija, li fi kwalunkwe kaz hemm l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Din il-Qorti ser tikkonsidra dawn iz-zewg linji difensjonali wahda wahda.

*<u>In-Natura tal-Ferita kagunata lil Brandon Tabone</u>*

Fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma specifikatx liema ferita gravi kontemplata fl-Artikolu 216 qed tirreferi ghaliha. Pero, mill-assjem tal-provi, jidher car li l-Prosekuzzjoni qed tikkampa l-imputazzjoni tal-ferita gravi fit-termini tal-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi li l-ferita hija gravi *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

Dottor Sarah Vella ghamlet seba' (7) punti fix-xoffa tal-halq ta' Tabone, tlett punti minn barra u erba' (4) minn gewwa tax-xoffa. Dawn kienu punti u mhux *butterfly stitches.*[7] Hija waslet ghal konkluzjoni

[6] Ara c-certifikat ta' Dottor Sarah Vella a fol. 2 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Dottor Sarah Vella a fol. 35 tal-process.

li l-griehi huma serji minhabba l-possibilita ta' sfregju. Fix-xhieda taghha hija qalet li normalment il-punti jitnehhew wara hamest (5) ijiem, u jitnehhew min-nurses. Hi ma regghetx rat lil Tabone wara li ghamlet il-punti.

Tabone xehed sitt xhur wara l-incident, u xehed li ghamel qisu gimgha bil-punti. Meta gie mistoqsi jekk ghadx fadallu xi haga, Tabone wiegeb hekk *"Ghandi bicca marka hawn barra, thossha jekk taghmlilha hekk."*[8] Dak in-nhar li xehed Tabone, din il-Qorti (diversament preseduta) ma vverbalizzatx li qed tikkonstata xi haga *de visu* fix-xoffa jew f'wicc Tabone.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[9] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspett notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V., **Trattato di Diritto Penale Italiano**, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (**Il-Pulizija v. Emily Zarb**, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[10] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postiijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjoniji differenti minn dik li wasal*

[8] Ara xhieda ta' Brandon Tabone a fol. 18 tal-process.
[9] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano
[10] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

*ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[11] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti)

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li fil-kaz odjern meta Dottor Sarah Vella ghamlet il-punti, ma irriskontratx sfregju dak il-hin, ghax fic-certifikat li irrilaxxat qalet li l-ferita kienet serja *"minhabba l-possibilita ta' sfregju"*.

Fid-dawl tal-insenjament kif spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali aktar il-fuq, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tad-difiza. Kif qalet dik il-Qorti, mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc. Issa fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, bniedem li ghandu tlett (3) punti fuq barra go jew fuq xuftejh – anki jekk dan ghal perjodu qasir ta' hamest (5) ijiem biss – certament ghandu sfregu go wiccu, kif legalment definit, u li hu vizibbli *within talking distance*, anke jekk dan ghal dak il-perjodu qasir. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-mument li saret u certament sakemm tnehhew it-tlett punti ta' fuq barra, Brandon Tabone kellu sfregju go wiccu li jammonta ghal ferita gravi.

Pero mix-xhieda ta' Tabone stess, kif fuq riprodotta, quddiem din il-Qorti, jirrizulta li dan l-isfregju ma kienx ghadu jezisti fil-mument li xehed, ghaliex skont ix-xhieda tieghu stess, il-ferita fuq xoftu kienet tinhass biss. Inoltre, din il-Qorti (kif diversament preseduta) ma ghamlet l-ebda verbal fejn iddikjarat li qed tikkonstata xi forma ta' sfregu fuq wicc Tabone.

Rigward ic-certifikat kif rilaxxat Dottor Vella, donnu jidher li f'mohh din it-tabiba biex jigi determinat jekk hemmx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.

[11] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati li ikkaguna ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali lil Brandon Tabone.

*L-Iskuzanti tal-Provokazzjoni*

Id-difiza qed teccepixxi wkoll l-iskuzanti tal-provokazzjoni.

L-Artikolu 227 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *"L-omiċidju volontarju hu skużabbli -*

*(a) jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija;"*

Dan l-Artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali huwa rez applikabbli ghall-offizi volontarji kontra l-persuna bl-Artikolu 230(a) tal-Kodici Kriminali.[12]

Issa fil-kaz odjern l-imputat ma sofriex offiza gravi, pero meta Brandon Tabone waddab il-flixkun tax-xampanja fid-direzzjoni tal-klijenti barranin li kien hemm fil-bar u minflok laqghat lilhom laqghat lill-imputat – kif jirrizulta li ghamel mis-CCTV footage, apparti provi ohra – certament li Tabone ikkommetta d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna tal-imputat, liema delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tieghu, u dan id-delitt huwa punit b'piena ta' aktar minn sena prigunerija.

Fl-istqarrija tieghu, meta l-imputat gie mistoqsi jekk l-intenzjoni tieghu kienitx li jaqsam xuftejn Tabone u jikkagunalu ferita gravi, l-imputat wiegeb hekk: *"Le, jiena dak il-hin kont rrabjat ghax*

[12] L-Artikolu 230 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi *inter alia* hekk:
*"L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli -*
*(a) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(a) u (b); … …"*

*jiena ma mmurx ghax-xoghol biex insib wiehed bhal dak u jwegghani u qbadt u tajtu din id-daqqa ta' harta. ... ... Iva jiddispjacini ghax jiena ma ridtx inwegghu b'dak il-mod."*

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-agir tal-imputat kien wiehed ta' ritaljazzjoni. Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Julian Mercieca** deciza fis-6 ta' Jannar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali[13] irriteniet illi *"Tali ritaljazzjoni tista', fil-kazijiet kongruwi, tinkwadra ruhha f'wahda mill-iskuzanti previsti mil-ligi (per ezempju, is-sitwazzjoni prevista fil-paragrafi (a) jew (c) tal-Artikolu 227 tal-Kap.9, paragrafi dawn applikabbli ghall-offizi fuq il-persuna bl-Artikolu 230), izda certament ma tistax tammonta ghall-gustifikazzjoni tal-legittima difeza taht l-Artikolu 223."*

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti id-difiza ippruvat sal-grad tal-probabbli l-iskuzanti taht l-Artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal offizi fuq il-persuna bl-Artikolu 230.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

In vista li din il-Qorti qed taccetta s-sottomissjoni tad-difiza li r-reat ta' ferita gravi hu wiehed skuzabbli taht l-Artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali kif fuq inghad, il-piena massima ghal dan ir-reat hija ta' tlett (3) xhur prigunerija (Artikolu 231(1)(c).

Pero ghal fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali tieghu hija prattikament netta.

Meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni la piena karcerarja effettiva u lanqas wahda sospiza m'huma indikati ghal kaz odjern.

[13] *Per* Prim Imhallef Vincent DeGaetano.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 216(1)(b), 227(a), 230 u 231(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------